# Mill-istorja tas-Soċjetà

kitba ta'
Mario Fenech

Meta wieħed jifli sew l-istorja ta' xi soċjetà partikulari jsib li din tkun mibnija fuq ġrajjiet li seħħew matul is-snin li tkun ilha mwaqqfa. Meta twaqqfet il-Banda Mount Carmel fil-parroċċa tal-Gżira bl-insistenza tal-kappillan ħabrieki ta' dak iż-żmien, Dun Karlu Manchè, l-ewwel seduta uffiċjali tal-kumitat kienet saret fid-dar tiegħu stess, fit-18 ta' Marzu 1948.



Mario Fenech

L-ewwel Surmast Direttur tal-banda kien Mro. Anton Muscat Azzopardi li kien dam sentejn fil-kariga. L-ewwel president tas-Soċjetà kien is-Sur Carmelo (Memè) Scicluna li okkupa din il-kariga għal erba' snin, jiġifieri mill-1948 sal-1952.

Waqt ċerimonja li kienet saret nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju, 1948, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu, kien ġie ppreżentat lis-Soċjetà l-istandard uffiċjali. Kien il-Ministru Turu Colombu li ppreżentah lis-Soċjetà, f'isem il-membri u l-benefatturi.

F'Settembru 1948, il-kumitat, bl-għajnuna tal-Ministru Turu Colombu, kien irnexxielu jsib post li seta' jservi ta' sede. Dan il-post, fi Triq ix-Xatt, kantuniera ma' Triq Manoel, li hi t-triq tal-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu,għadu jintuża sal-lum. Wara xi xogħol li kien sar f'dan il-post, infetaħ il-każin uffiċjalment f'Marzu, 1950.



Is-Sur Carmelo (Memè) Scicluna



Mro. Anton Muscat Azzopardi

Is-sena 1957 tibqa' mfakkra mill-poplu tal-Parroċċa tal-Gżira flimkien mas-Soċjetà Mużikali Mount Carmel minħabba l-fatt li nhar it-30 ta' Mejju, fil-grawnd tal-Kulleġġ Stella Maris, kien ġie kkonsagrat sett qniepen ġdid tal-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu.



Il-Każin fl-1998

Is-sena 1973 kienet ukoll sena speċjali għall-Għaqda Mużikali Mount Carmel. Dan għaliex matulha kien iċċelebrat l-għeluq il-25 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà. Għall-okkażjoni l-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Borg kienet ippreżentat programm mużikali nhar l-10' Ġunju. Dan kien sar fi Triq Stuart kantuniera ma' Triq ir-Rebħa. Dakinhar, il-President tas-Soċjetà Dr Michael A. Refalo LL.D kien irrigala lis-Soċjetà bandalora tal-okkażjoni.

Is-Sede tas-Soċjetà kibret bil-bini ta' sular ieħor matul is-sena 1996. Meta tlestiet din l-estensjoni, sentejn wara, is-Sede fetħet uffiċjalment nhar is-Sibt, 23 ta' Mejju 1998 u kienet inawgurata mill-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta, Dr Ugo Mifsud Bonnici. Dakinhar kien esegwit programm vokali u strumentali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Saviour Portelli. Kienet okkażjoni memorabbli billi s-Soċjetà, dik is-sena, kienet qed tiċċelebra wkoll għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha.

Dawn id-dati huma ftit mill-ħafna dati importanti mniżżla fl-istorja tal-Għaqda Mużikali Mount Carmel, Gżira.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.